# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imħallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 379/2014**

Il-Pulizija

vs

**Lawrence Biggerstaff**

iben Arthur, imwieled Zejtun, fis-6 ta' Lulju, 1953, detentur tal-karta tal-identita' numru 483853(M)

Illum 30 ta' Ottubru, 2018.

Il-Qorti,

Rat l-akkużi dedotti kontra l-appellant Lawrence George Biggerstaff quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

Talli nhar l-Erbgħa tlieta u għoxrin (23) ta' April tas-sena, 2014 għall-ħabta tas-6.30 fl-inħawi ta' Delimara:

1. Ikkaċċja jew ipprova jikkaċċja, ħa jew pruva jieħu xi għasfur li huwa protett taħt ir-regolamenti dwar il-konservazzjoni ta' l-Għasafar Selvaġġi, u cioe' Seqer, mhux skond dawn

ir-regolamenti u mhux skond il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja mogħtija taħtha u dan bi ksur tar-regolament 4 (1) (a) tal-AL 79 tal-2006 hekk kif emendat, L. S. 504.71;

2. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ippruva jikkaċċja lil xi għasfur li mhux elenkat fit-Taqsima A tal-iskeda II tal- A.L .79 tal-2006, u cioe' Seqer, u dan bi ksur ta' Reg 5 (3) (a) tal-A.L. 79 tal-2006 hekk kif emendat;

3. Akkużat ukoll talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ikkaċċja jew ippruva jikkaċċja lil xi għasfur minbarra dawk imsemmija fl-iskeda II , iżda kaċċa bħal dik inkluża l-Falkunerija jekk din tkun prattikata li ssib skond id-disposizzjonijiet ta' dawk ir-regolamenti għandha tkun soġġetta għal kull kundizzjoni u regola li jistgħu jiġu stabiliti skond ir-regolament 10(6), b'mod partikolari l-paragrafu (a) ta' dak ir-regolament u għandha ssir skond il-prinċipji ta' użu b'mod għaqli u kontroll ekoloġikament bilanċjat tal-ispeċi ta' għasafar imsemmija fl-iskeda II u għandha tkun kompatibli mal-ħtieġa li tinżamm il-popolazzjoni ta' dawn l-ispeċi b'mod partikolari fir-rigward tal-ispeċi li jpassu u dan bi ksur tar-regolament 5(1).

4. Akkużat ukoll bħala persuna lliċenżjata għall-istaġun tal-kaċċa rebbiegħa 2014, u bħala persuna liċenżjata biex iġġorr arma tan-nar mal-kummissarju tal-pulizija u bi ksur ta' dawn ir-regolamenti u cioe' L.S. 504.94 qafas biex tiġi premessa deroga li tiftaħ l-istaġun għall-kaċċa ta-gamiem u tas-summien fir-Rebbiegħa. Int ksirt dawn ir-regolamenti jew xi regolamenti oħra applikabbli jew bi ksur tal-kundizzjonijiet ta'xi permess u cioe' ksur ta' liċenżja bħala possessor ta' liċenżja ta' arma tan-nar u dan bi ksur tar-regolament 6( 2) L.S. 504.94 hekk kif emendat b'avviż A.L. tal-2014.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) tal-24 ta' Settembru, 2014 fejn il-Qorti wara li

Rat ir-Regolamenti 4(1)(a) ta' A.L 79 ta' l-2006, hekk kif emendat, L.S 504.71, Regolament 5(3)(a) tal-A.L. 79 ta' 2006 hekk kif emendat, Ragolament 5(1) u Regolament 6(2) L.S. 504.94 hekk kif emendat b'avviż A.L. 86 tal-2014, sabet lill-imputat ħati u għaldaqstant ikkundannatu multa ta' elf euro (€1000) u ordnat konfiska tal-oġġetti esebiti.

Rat ir-rikors tal-appellant Lawrence George Biggerstaff tas-6 ta' Ottubru, 2014 fejn talab lil din il-Qorti jogħġobha tilqa' dan l-appell billi **TIRREVOKA** s-sentenza appellata, u **TILLIBERAH** minn kull imputazzjoni ħtija u piena jew alternattivament **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata fil-parti tal-piena billi minflok tinfliġġi piena ġusta u ekwa għal każ odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Fl-ewwel lok l-appellant jirrileva illi l-ewwel Onorabbli Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-provi prodotti u dan peress illi mix-xhieda tal-appellant ikkorraborata bix-xhieda ta' Anthony Bonnici jirriżulta b'mod ċar u ampju illi l-imputat kien qiegħed fid-dura tiegħu ġewwa l-għelieqi ta' Delimara jispara fuq il-gamiem u mhux fuq tajr protett. Fil-fatt, l-appellant stess meta mistoqsi mill-Uffiċċjali tal-Pulizija ċaħad illi hu qatt spara fuq l-isqra li huma tajr protett iżda hu kien biss fuq il-post sabiex jispara fuq il-gamiem stante illi kien l-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem. Illi fil-fatt l-istaġun tal-kaċċa tal-gamiem u s-summien għar-Rebbiegħa jiftaħ fit-tnax (12) ta' April u jagħlaq fit-tletin (30) ta' April u għalhekk fid-data tal-akkuża u ċioe' fit-tlieta u għoxrin (23) ta' April kien l-istaġun miftuħ tal-gamiem u dan il-fatt jikkorabora l-fatti kif dedotti mill-appellant u msaħħa mix-xhieda ta' Anthony Bonnici u cioe' li kienu qegħdin fuq il-post sabiex jikkaċċjaw għall-gamiem.

Illi fit-tieni lok l-appellant jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma ħaditx in konsiderazzjoni tal-fatt illi l-Uffiċjali tal-Pulizija illi xehdu fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Onorabbli u li kienu stazzjonati fl-inħawi ta' Delimara kienu hemm għassa fuq kaċċatur ieħor u mhux l-appellant u dan kif jirriżulta mill-affidavit tagħhom stess esebiti l-Qorti. Inoltre, l-istess Uffiċjali tal-Pulizija kienu moħbija wara s-siġra u għalhekk ma setgħux josservaw u jaraw b'mod ċar il-lok fejn sar l-allegat inċident. Fil-verita' tnejn mill-Uffiċjali semgħu biss tiri sparati fid-direzzjoni tal-imsemmija isqra iżda ma rawx lill-appellant *in flagrante delicto.* Fil-fatt, PC 638 Mark Bonello fl-affidavit tiegħu jgħid:

"Dan huwa u jispara ma ndunax bil-prezenza tagħna minħabba li konna wara siġra niċċekjaw kaċċatur ieħor."

Skond l-affidavit tal-PS 305 A. Gauci kien wieħed biss mill-Uffiċjali tal-Pulizija u cioe' PC 451 illi ra lil wieħed minn dawk iż-żewġ persuni jispara fid-direzzjoni tal-isqra.

Illi sussegwentement u mingħajr pregudizzju għas-suespost, l-appellanti jilmenta illi l-piena erogata minn l-ewwel Qorti u cioe' multa fis-somma ta' elf ewro (€1,000), flimkien mal-konfiska tal-oġġetti esebiti hija waħda sproporzjonata fiċ-ċirkostanzi. Illi tali piena hija waħda eċċessiva għall-każ odjern u l-appellant iħoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha tkun ferm aktar klementi miegħu.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi din hija kawża sommarja u peress li x-xhieda li nstemgħet quddiem l-Ewwel Qorti ma ġietx rekordjata u wisq anqas traskritta din il-Qorti kellha terġa' tisma' l-provi mill-ġdid.

**Diskrepanza fl-akkużi bejn dawk fiċ-ċitazzjoni, s-sentenza u r-rikors tal-appell.**

Il-Qorti tinnota nuqqas ta' qbil bejn dak li jidher fiċ-ċitazzjoni u dak li jidher fis-sentenza meta mqabbel mar-rikors promotorju.

Illi waqt li ċ-ċitazzjoni u s-sentenza jaqblu dwar l-imputazzjonijiet, il-Qorti sabet diskrepanzi bejn dawn tal-Ewwel u r-rikors promotorju.

Illi l-ewwel u t-tieni akkuża msemmija fir-rikors tal-appell jaqblu maċ-ċitazzjoni u s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti, iżda l-akkużi tlieta u erbgħa ma għandhom x'jaqsmu assolutament xejn u l-akkuża ħamsa imsemmija fir-rikors qas biss teżisti bħala akkuża.

Illi dan l-appell huwa dwar l-apprezzamet tal-fatti.

Illi hu prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi magħmul mill-ewwel Qorti jekk tasal għal konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha. Fi kliem ieħor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi magħmula mill-ewwel Qorti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx raġonevoli fil-konklużjoni tagħha. Jekk din il-Qorti tasal għall-konklużjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, allura dik tkun raġuni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konklużjoni. F'dan il-kuntest wieħed jista' jara s-segwenti sentenzi:

Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi deċiża fl-14 ta' Frar, 1989;
Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deċiża fil-31 ta' Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deċiża fit-12 ta' Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deċiża fis-6 ta' Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deċiża fit-28 ta' April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deċiża fit-3 ta' Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef deċiża fit-18 ta' Marzu, 2010; kollha appelli kriminali.

Illi l-Qorti xorta waħda qrat id-depożizzjonijiet traskritti u għamlet dawn il-konklużjonijiet.

Illi l-puliżija fl-affidavit tagħhom qalu li kienu qegħdin wara siġra għax kienu qegħdin jieħdu d-dettalji ta' kaċċatur ieħor u mhux li ma setawx jaraw min kien qed jispara.

Illi PS305 A Gauci u PC 638 Mark Bonello it-tnejn raw is-Seqer pero' l-appellant li spara ma rahx u kif jgħid fix-xhieda tiegħu Anthony Bonnici sitt minuti il-bogħod minn xulxin kienu s-Seqer u l-gamiem iġifieri huwa naqra diffiċli li ma rahomx.

Illi x-xhieda tal-appellant hija konfliġġenti ma' dik tal-ħabib tiegħu stess Anthony Bonnici f' żewġ punti:

1. L-appellant jgħid li kienu ilhom xi nofs siegħa hemm meta qabduhom il-Pulizija, iżda Anthony Bonnici jgħid li kien ilhom xi sagħtejn hemmhekk.
2. Illi l-appellant ma kienx ra s-Seqer filwaqt li Anthony Bonnici jispjega li bejn is-Seqer u l-gamiem kien hemm sitt minuti u li s-Seqer kien qisu għoli żewġ sulari u l-gamiema kienet sular baxx. Inoltre, huwa jikkonferma li s-seqer ra l-ewwel u mhux il-gamiema.

Illi l-esperjenza li għandu bħala kaċċatur u cioe' dik ta' 41 sena skont ix-xhieda mogħtija minnu, din il-Qorti ssibha iktar diffiċli biex temmen li meta spara kien qed jimmira lejn il-gamiem u mhux lejn is-Seqer. Din il-verżjoni mhu xejn verosimili.

Illi l-Qorti tal-Maġistrati setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjonijiet tagħha.

Isegwi li din l-Qorti qed tiċħad l-Appell u tikkonferma s-sentenza fl-intier tagħha.

Ghaldaqstant, tichad l-appell ta' Lawrence Biggerstaff u tikkonferma s-sentenza appellata.